MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Numru. 47/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**Vs**

**JOSEPH FARRUGIA**

**Seduta ta' llum 18 ta' Awissu 2005**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH FARRUGIA** bin George u Maryanne nee Zammit imwieled nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju 1973 u residenti 13, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sebgha ta' Jannar 2005, u anke fil-granet ta' qabel din d-data, minn Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex, ghamel attivita` kummercjali li tirrigwarda bejgh ta’ vetturi minghajr licenzja mill-Awtorita` Regolatorja, taqsima Licenzja tal-Kummerc.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil **Carmel Galea** jghid fis-seduta tas-sebgha ta' April 2005 li nhar s-sebgha ta' Jannar 2005, huwa kien ghaddej minn Triq Fortunato Mizz, Rabat, Ghawdex, u proprju hdejn il-Funtana tar-Rabat, Ghawdex, huwa ra vettura Pickup bajda tal-ghamla Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni GAM 876 esposta ghal bejgh mill-impuat u bin-numru tal-mobile 99889358. Huwa ghalhekk mar jkellem lil Pulizija Esekuttiva dwar dak li kien ikkonstata dakinhar stess ghal habta tas-sebgha w nofs u hamsa ta' filghaxija.

Illi fl-istess seduta xehed **PS 1346 Anton Sciberras** u esibixxa l-okkorrenza relattiva mehuda minnu. Huwa kkonferma li kien mar l-Ghassa certu Charles Galea w irrapporta li l-imputat kien qed jinnegozja fil-vetturi minn gewwa Triq Fortunato Mizzi, r-Rabat, Ghawdex. Qal li Charles Galea spjegalu li fil-vettura kien hemm zewg sinjali bin-numru tal-mobile 99889358. Qal li Charles Galea kien qallu li kien ra lil imputat jiftah wahda mill-bibien ta' din il-vettura u li l-vettura kienet ilha fl-istess post ghal mill-inqas hmistax il-gurnata. Ix-xhud ikkonferma li mar fuq il-post indikat lilu w ikkonferma dak li kien qallu Charles Galea.
Ix-xhud spjega li l-Pulizija bdiet bl-investigazzjoni taghha w irrizulta preliminarjament li l-vettura tghajjat lil John Portelli ta' Triq San Blas, Nadur, Ghawdex. Meta huwa mar ghand John Portelli, sab lil martu li qaltlu li John Portelli kien imsiefer u li kien biegh il-vettura tieghu xi erbgha xhur qabel lil certu Joseph Farrugia li ghandu hanut li jismu 'Megazin'. Qaltlu wkoll li kien bieghha ghas-somma ta' elfejn lira maltin u li n-numru tal-mobile 99889358 ma kienx la taghha u lanqas ta' zewgha John Portelli.

Ix-xhud imbaghad mill-Ghassa, cempel fuq dan l-mobile numru 99889358 w irrisponda l-imputat li s-Surgent gharaf presenti fl-awla u qallu dwar r-rapport li kien ghamel Charles Galea fil-konfront tieghu u li kien ser jittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu l-Qorti.

**Saviour Farrugia** rappresentant tad-Dipartiment tal-Licenzji xehed w ikkonferma li fis-sebgha ta’ Jannar 2005 il-vettura Mitsubishi pickup bin-numru ta' registrazzjoni GAM 876 kienet tghajjat lil John Portelli u mhux lil imputat odjern.

Nhar d-disgha ta' Gunju 2005, xehed **Charles Bezzina [car dealer]** li kkonferma li lil imputat jafu ghaliex jinnegozja fil-karozzi u gieli tela' Ghawdex biex jinnegozja xi karozza mieghu. Ikkonferma pero li l-ewwel karozza li effettivament xtara minghand l-imputat kienet din in kwistjoni u cioe l-Mitsubishi pickup bin-numru ta' registrazzjoni GAM 876 xi erbgha xhur qabel ma xehed. Qal li t-transfer kien iffirmat u komplut pero ma kienx f'posizzjoni jghid ma min ghamel t-transfer. Ikkonferma li xtara din il-vettura ghal prezz ta' tlett elef u mitt lira maltin.

**Dottor Joe Borg** rappresentat tal-Vodafone qal li l-mobile li jgib in-numru 99889358 huwa pre paid u ghalhekk m'ghandux registrat min hu sid din il-linja.

**PS 587 Teddy Bajada** ikkonferma dak li qal l-Ufficjal PS 1346 Anton Sciberras w ikkonferma li kien fil-kumpanija ta' PS 1346 Anton Sciberras meta kien qed jinvestiga dan l-kaz.

**L-imputat** fis-seduta tad-disgha ta' Gunju 2005, xehed u spjega l-partecipazzjoni tieghu f'dan il-bejgh. Qal li verament il-vettura in kwistjoni kien bieghha hu lil Charles Bezzina fix-xahar ta' Jannar izda dan il-bejgh huwa ghamlu ghaliex kellu jiehu xi flus minghand John Portelli u meta sar jaf li John Portelli kien ser jitlaq minn Ghawdex, ftiehem mieghu li johodlu l-karozza biex jbieghha u b'hekk jithallas ta' dak li kellu jiehu. Qal li huwa m'ghamilx profitt minn dak l-bejgh anzi ha inqass flus minn dak li kellu jiehu.

Illi d-Difiza sostniet li dak li ghamel l-imputat, m'ghamlux bhala negozju u ghalhekk ma kellux bzonn permess minghand l-Awtorita Regolatorja.

Il-Prosekuzzjoni, minn naha l-ohra, sostniet li l-imputat huwa negozjant tal-vetturi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Charles Bezzina u del resto din kienet wahda mit-transazzjonijiet appositi.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 14(1) tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH FARRUGIA hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u dan ghaliex huwa ghamel attivita kummercjali billi biegh l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAM 876 tal-ghamla Mitsubishi pickup lil *car dealer* Charles Bezzina, u konsegwentement tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' sittin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------